KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IS-SEBA’ LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 371

It-Tnejn 6ta’ Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Viċi Sindku
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**371.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

371.1.1 Inqrat l-ittra ta' apologija ta' Dr. Mark A. Vassallo.

**371.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

371.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 369.

371.2.2 369.2.7 Is-Sindku qalet li reġgħet intbagħtet korrispondenza lil TM rigward il-ħsara estensiva li ġarrbet it-triq tal-Lawrenti bil-piż tat-traffiku speċjalment trakkijiet minħabba d-devjazzjoni waqt xogħlijiet tal-WSC.

371.2.3 369.7.1 Is-Sindku qalet li kien hemm diversi toroq tal-bdiewa li ingħataw il-konkos fis-snin preċedenti u kellhom bżonn ta' patching. Hija qalet li ser jintalbu kwotazzjonijiet għal xogħol biex dawn it-trejqiet jiġu rranġati.

371.2.4 Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 369 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

371.2.5 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 370 (b'urġenza).

371.2.6 Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 370 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**371.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

371.3.1 Is-Sindku infurmat li, b'kollaborazzjoni mall-Pulizija, il-maġġor parti tat-trailers tul it-Triq Salvu Borg Olivier kienu tneħħew. Is-Sindku qalet li issa hemm bżonn titnaddaf iż-żona.

**371.4 Skema għal ġbir ta' skart riċiklat**

371.4.1 Is-Sindku infurmat li wara li l-Kunsill bgħat żewġ rikjesti ta' 'expression of interest' lill-Kumpaniji GreenMT u GreenPak, il-Kumpanija GreenMT biss bagħtet l-offerta tagħha. Is-Sindku qalet li l-GreenMT bħalissa tipprovdi s-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat fis-Siġġiewi u li s-servizz mogħti huwa sodisfaċenti. Wara li l-Kunsill analiżża l-offerta riċevuta, is-Sindku rrakkomandat li l-offerta tal-GreenMT tiġi aċċettata. Il-Kunsill qabel unanimament.

**371.5 Applikazzjoni għall-fondi tal-UE**

371.5.1 Is-Sindku infurmat li wara li ġew evalwati ilmenti ta' ħitan imwaqqa' reġistrati mal-Kunsill u diversi *site inspections* mal-perit tal-Kunsill, tħejjew il-BOQs u d-dokumenti neċessarji għas-sottomossjoni tal-applikazzjoni għal Miżura 4.4 - Ħitan tas-Sejjieħ. L-applikazzjoni qegħda fi stat avvanzat biex b'hekk tiġi sottomessa sal-aħħar t'April.

371.5.2 Is-Sindku infurmat li b'referenza għall-applikazzjoni tal-Fondi tal-Majjistral fejn il-Kunsill qed jissottometti 3 proġetti għal kunsiderazzjoni; L-Outdoor Gym Observatory, id-Dog Park f'Kirċippu u l-proġett ta' tisbiħ f'San Niklaw, intalbet l-assistenza u l-konsulenza fis-sottomissjoni tad-dokumenti tal-kumpanija MS Advisory Services għal ħlas ta' €1150 eskluż il-VAT. Is-Sindku talbet lill-Kunsill japprova ta' din in-nefqa. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din in-nefqa.

**371.6 Proġetti tal-Kunsill**

371.6.1 Proġett - Night Shelter
Is-Sindku infurmat li waqt il-bidu tax-xogħlijiet fin-night shelter, inqalgħet problema rigward il-fire exit, u għalhekk ix-xogħol kellu jitwaqqaf temporanjament sabiex tinstab soluzzjoni alternattiva. Is-Sindku infurmat li peress li l-krejn għandu jitpoġġa fuq propjeta ta' terzi, hemm bżonn jiġi iffirmat ftehim għall-awtorizzjoni mis-sid.

371.6.2 Proġett Għar Lapsi
Is-Sindku qalet li l-proġett tal-park mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet miexi sew. Kienu waslu wkoll il-bandli li qed jinżammu għand is-supplier.

Rigward ix-xogħolijiet tal-lattrina, kien jonqos il-fossa, s-sanitary ware u r-railings. Is-Sindku infurmat li l-bibien kienu twaħħlu mill-kuntrattur LBV iżda iċ-ċwievet ma' ġewx konsenjati lill-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill kien kiteb bl-avukat lill-Kuntrattur LBV u tah ultimatum biex jispiċċa x-xogħol pendenti. Wara din id-data, l-Kunsill se jqabbad kuntratturi oħra biex ilestu x-xogħlijiet, skond kif stipulat fil-kuntratt.

**371.7 Attivitajiet – Serata ta' Talent – Dar tal-Providenza**

371.7.1 Is-Sindku qalet li S-Serata ta' Talent ser issir nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju 2019 fis-6.00ta' filgħaxija, fis-Sala tal-Iskola tas-Siġġiewi.
Hija infurmat li d-Direttur tad-Dar tal-Providenza propona li jiġu premjati talenti partikolari b'ħidma favur il-komunita'. Għal dawn il-premjijiet ġew proposti: Il-Kunsill Lokali tat-Tfal fi ħdan il-Kunsill Lokali għall-ħidma tagħhom fil-qasam tal-ambjent, Samuel Farrugia, tifel nieqes mid-dawl li wera t-talent tiegħu billi kiteb ktieb għat-tfal, u Brian Borg li jerprimi l-passjoni tiegħu lejn is-Siġġiewi b'bandieri u pavaljuni artistiċi.
Il-pubbliku huwa mistieden jagħti donazzjoni għad-Dar tal-Providenza. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera jattendu għal din l-attivita'.

**371.8 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar:**

371.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

371.8.2 *PA/05552/18 Amendments to PA 1628/15 to include a phasing-out plan for its restoration, i.e. recycling of construction and demolition waste, to a period of 25 years. Application to include meter room. Faceworks Ltd Attn: Hermann Mallia, Site at (Quarry), Ta' Sant' Agata sive Ta' Sgamardi, Tad-Debbiet, Sqaq Ta' Sant Agata, Sqaq Tad-Debbiet, Siggiewi, Malta*. Is-Sindku staqsiet lill-Perit Julian Borg Viċi-Sindku jikseb aktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni, biex jiġi stabbilit l-impatt fuq l-ambjent tal-madwar.

371.8.3 *PA/08552/18 To construct stables Mr. Frans Azzopardi, Donald Stables, Ta Baldokk, Triq tal-Kilba, Siggiewi, Malta.* Is-Sindku staqsiet lill-Perit Julian Borg Viċi Sindku jara xi pjanti hemm sottomessi u jekk hux ser ikun hemm impatt fl-ambjent tal-madwar.

371.9 Rapport tal-korrispondenza

371.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat rapport tal-korrispondenza riċevuta bejn l-aħħar Seduta u llum.

371.9.2 Is-Sindku qalet li hemm stedina lill-Kunsill mill-Caritas għal ftuħ taċ-Ċentru f'Ta' Kandja.

371.9.3 Il-Kunsillier Dominic Grech informa lill-Kunsill dwar talba għal attivita'/wirja ta' karozzi sportivi fi Triq il-Ħsad nhar it-23 ta' Ġunju 2019 mit-8.00am sas-1.00pm. Il-Kunsill qabel li jinħareġ il-permess għal 'one-time event' bil-kundizzjonijiet neċessarji għal attivita' simili.

371.9.4 Is-Sindku infurmat li qed jintalab permess għall-armar ta' scaffolding fil-biċċa d-dejqa fi Triq il-Parroċċa għal ġimgħa. Il-Perit Julian Borg qal li għal permess simili għandha tiġi avżata TM minħabba devjazzjoni tat-traffiku u trasport pubbliku. Il-Kunsill qabel li l-permess jingħata għal bidu ta' Ġunju biex ma jaħbatx mal-attivitajiet tal-Festa.

371.10 Rapport tal-ilmenti

371.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat rapport tal-ilmenti reġistrati bejn l-aħħar Seduta u llum.

371.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

371.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

371.12 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ

371.12.1 Is-Sindku qalet li hemm talba mill-għaqda tal-Armar biex jiġu rranġati it-tappieri eżistenti tal-armar tal-festa fi Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa u li jitħaffru oħrajn ġodda. It-talba hija li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol, filwaqt li t-tappieri jiġu provduti mill-Għaqda stess. Il-Viċi Sindku preżenta pjanta bit-tappieri mmarkati. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ fit-tappieri eżistenti u dawk ġodda bil-kundizzjoni li ma tinħoloq l-ebda problema lill-għaqdiet oħrajn jew residenti.

371.12.2 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn tranġar ta' trejqa tal-bdiewa fl-inħawi ta' San Niklaw. Is-Sindku talbet lil Viċi Sindku jgħaddi kopja ta' site plan lis-segretarju Eżekuttiv.

371.12.3 Il-Viċi Sindku qal li f'partijiet mill-bankina ta' Pjazza San Nikola hemm il-madum jiċċaqlaq u hemm bżonn jitranġa mill-iktar fis peress li joħloq periklu speċjalment għall-anzjani.

371.12.4 Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace talbet biex jitranġa sqaq fi Triq il-Knisja l-Qadima peress li hemm biċċa diżlivellata u fiha jinġabar l-ilma tax-xita. Hija qalet ukoll li hemm ħofra quddiem il-bus stop fi Triq l-Għid.

371.12.5 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li bozza f'Ta' Karlozzu għadha ma tixgħelx u hemm

dewmien esaġerat biex din titranġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret l-applikazzjoni mal-Enemalta għal STL fuq din il-bozza u għadha pendenti.

371.12.6

Il-Kunsillier Grech qal li għandu talba minn residenti fi Triq San Ġwann biex jiċċekken il-parking space ta'quddiem ir-residenza tiegħu peress li l-vetturi qed jipparkjaw eżatt mal-linja u joħolqulu inkonvenjent għall-aċċess fil-garaxx.

371.12.7

Il-Kunsillier Grech talab biex jinqata' il-ħaxix fi Triq Wied Costa.

371.12.8

Il-Kunsillier Grech qal li sussegwenti x-xogħol ta' bankina fi Triq Ta' Brandin irċieva ilment minn sidien ta' garaxxijiet fi drive-in li qed isibu diffikulta' bil-livell tar-rampa biex joħorġu mill-istess drive-in. Is-Sindku wieġbet li diġa kienet saret laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u min qed jilmenta fejn intalbu juru lill-Perit x'inhi d-diffikulta' ħalli tittieħed l-azzjoni neċessarja, jekk il-każ. Il-Perit tal-Kunsill qal li l-livell tal-bankina qiegħed skond l-ispeċifiċi stabbiliti u peress li ħadd ma kien disponibbli juriħ x'inhi l-problema ma tista tittieħed l-ebda azzjoni fir-rigward. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Grech, biex jekk min ilmenta jkun dispost juri x'inhi l-problema, terġa' ssir laqgħa mal-Perit.

371.12.9

Il-Kunsillier Grech talab li jsir patching fi Triq ta' Sant'Andrija, it-trejqa wara l-Verdala. Huwa qal ukoll biex issir talba mal-Enemalta biex arblu tad-dawl li qiegħed ġo għalqa privata, jiġi spustjat fit-triq pubblika. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Grech jgħaddi site plan immarkata lis-Segretarju Eżekuttiv.

371.12.10

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa f'liema fażi wasal l-għoti tal-konkos lill-bdiewa. Is-Sindku wieġbet li kienu qed jitħejjew l-ittri lill-bdiewa.

371.12.11

Il-Kunsillier Cassar talab li jitnaddaf wara l-grawnd tal-futbol.

371.12.12

Il-Kunsillier Clayton Cutajar propona li fil-legislatura li jmiss jiġi kkunsidrat proġett ta' dog park. Is-Sindku qalet li diġa tlestew pjanti għal proġett ta' dog park, cat-cafe u park fi Triq Salvu Borg Olivier u beda l-proċess għall-permessi neċessarji.

371.12.13

Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace proponiet li jinżeba parking space abjad fi Triq Sta. Margerita fejn xi żmien ilu kien tħassar yellow bay.

371.12.14

Il-Kunsillier Farrugia Pace qalet li hemm talba biex issir bankina quddiem residenza fi Triq Tan-Nofs minħabba problema li jipparkjaw il-vetturi quddiem il-bieb u jingħalaq l-aċċess. Il-Viċi-Sindku propona li minflok bankina issir junction box quddiem ir-residenza.

371.12.15

Il-Kunsillier Farrugia Pace talbet li tiġi rranġata bankina bejn sqaq numru 3 u 4 Triq San Ġakbu.

371.13.1 **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera Nicholas Cassar, Clayton Cutajar u Dr. Mark A. Vassallo (assenti) tas-servizz tagħhom fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, peress li ma kienux ser jikkontestaw għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u preżentatilhom memento bħala tifkira.

Il-laqgħa intemmet fid-8.30p.m. Is-Sindku pproponiet li l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura ssir nhar it-Tnejn 3ta' Ġunju 2019 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod

unanimu.

Konfermati, illum 3ta' Ġunju 2019

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv